MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2080/2004

**Wembley Crane Hire Ltd.**

**vs**

**RC Construction Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta u kiri ta' *crane*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Ottubru, 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali min-notifika ta' dan l-Avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra li s-socjeta`konvenuta dehret fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2005 fejn ammettiet it-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------